

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2022 – Das Neves vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-357/22)**

(2022/C 294/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: José das Neves (La Hulpe, il-Belġju) (rappreżentant: J.-P. Vandersteen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ottubru 2021 meħuda kontra tiegħu mill-[kunfidenzjali] (¹);
- tikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta' EUR 20 000 bħala kumpens għad-dannu morali u finanzjarju tiegħu;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-riktiegs tiegħu kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2021 li tindirizzalu twissija, ir-riktorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest tal-evalwazzjoni ta' kunflitt ta' interassi.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq abbuż ta' poter.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 21 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.

(¹) Informazzjoni kunfidenzjali mhux żvelata.

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2022 – PQ vs SEAE****(Kawża T-358/22)**

(2022/C 294/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: PQ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenut: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**Talbiet**

Ir-riktorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-deċiżjoni li r-riktorrent ma jiġix promoss fil-grad AD12 fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' promozzjoni 2021;
- jekk ikun hemm bżonn, tannulla l-promozzjoni tal-uffiċjali li jidhru fil-lista tal-uffiċjali promossi fil-grad AD12 abbażi tal-eżerċizzju ta' promozzjoni 2021;
- tikkundanna lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għall-ispejjeż.